MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-28 ta' Gunju, 2013

Appell Civili Numru. 126/2012/1

**Anthony Marmarà**
**v.**
**MRT Developments Limited**

1. Dan huwa appell tas-soċjetà konvenuta, taħt l-art. 229 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, minn dikriet mogħti fit-12 ta' Ġunju 2012 mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili li ċaħdet talba għas-sejħa ta' terzi fil-kawża.

2. Il-fatti relevanti seħħew hekk: L-attur kien f'binja tas-soċjetà konvenuta fejn kien qiegħed isir xogħol ta' kostruzzjoni. F'dak il-post kien hemm bokka ta' *lift* miftuħa u bla lqugħ u l-attur waqa' għal isfel u korra. Billi huwa tal-fehma illi l-inċident seħħ bi ħtija tal-konvenuta, għax naqset milli tieħu l-prekawzjonijiet li trid il-liġi biex ma jseħħux inċidenti f'post tax-xogħol, l-attur fetaħ din il-

kawża u qiegħed jitlob illi l-qorti tikkundanna lill-konvenuta tħallas id-danni.

3. Il-konvenuta b'rikors tad-29 ta' Mejju 2012 talbet ili jissejħu fil-kawża terzi persuni għax tgħid illi l-inċident seħħ bi ħtija ta' dawn. L-attur wieġeb fit-8 ta' Ġunju 2012 u oppona għat-talba u l-qorti, b'dikriet mogħti fit-12 ta' Ġunju 2012, wara li r-rat ir-rikors u t-tweġiba iżda bla ma tat ebda raġuni għad-deċiżjoni tagħha, ċaħdet it-talba.

4. Il-konvenuta appellat minn dan id-dikriet b'rikors tat-22 ta' Ottubru 2012. L-aggravji tal-appell huma dawn:

5. l-ewwel qorti għamlet apprezzament ħażin tal-fatti għax "x'aktarx kienet taħt l-impressjoni li l-persuni li qed jintalbu li jiġu kjamati in kawża kienu impjegati tas-soċjetà intimata u kif ukoll x'aktarx kienet taħt l-impressjoni li kienet is-soċjetà intimata appellanti li naqset li tagħmel l-ilqugħ fil-bokka tal-*lift* fejn waqa' l-attur appellat";

6. L-art. 6 tal-Att dwar l-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol [Kap. 424] (dwar dmirijiet ta' min iħaddem) – li ssemma mill-attur fl-oppożizzjoni tiegħu għas-sejħa fil-kawża – ma jgħoddx għall-każ għax ix-xogħlijiet ma kinux qegħdin isiru minn impjegati tas-soċjetà konvenuta iżda minn dawk li qiegħda tintalab is-sejħa tagħhom fil-kawża, waqt illi jgħodd għall-każ l-art. 7 tal-Kap. 424 (dwar dmirijiet tal-ħaddiema) li jgħid li kull ħaddiem, sew jekk impjegat u sew jekk jaħdem għal rasu, għandu jħares ir-regolamenti tas-saħħa; u

7. is-sejħa fil-kawża hija meħtieġa għall-ekonomija u l-integrità tal-ġudizzju.

8. L-attur wieġeb fit-30 ta' Ottubru 2012 u qal illi s-sejħa ta' terzi fil-kawża hija "inutli" għal dawn ir-raġunijiet:

9. għax il-binja fejn seħħ l-inċident hija tal-konvenuta;

10. għax il-bini kien qiegħed isir mill-konvenuta;

11. għax il-konvenuta hija marbuta li tħares id-dispożizzjonijiet tal-Kap. 424;

12. għax il-persuni illi l-konvenuta trid illi jissejħu fil-kawża kienu qegħdin jaħdmu għaliha;

13. għax il-konvenuta, bħala sidt il-fond fejn seħħ l-inċident titqies bħala *employer* ("min iħaddem") ghall-

għanijiet tal-Kap. 424 u għalhekk "primarjament responsabbli għad-danni" li ġarrab l-attur;

14. għax is-sejħa fil-kawża ma ssirx biex tinbidel il-persuna mħarrka; u

15. għax dak li qiegħda tfittex li tagħmel il-konvenuta hu li "tisposta għal kollox ir-responsabbiltà għall-inċident" minn fuqha għal fuq ħaddieħor.

16. Din il-qorti tibda biex tgħid illi huwa diffiċli tgħid x'kienu r-raġunijiet li wasslu lill-ewwel qorti għad-deċiżjoni tagħha ladarba d-dikriet mhux motivat; preżumibilment l-ewwel qorti adottat *in toto* r-raġunijiet mogħtija mill-attur fit-tweġiba tiegħu tat-8 ta' Ġunju 2012, iżda hija ħaġa xierqa li qorti tagħti, imqar fil-qosor, ir-raġunijiet li jwassluha għad-deċiżjoni tagħha għax inkella l-appell, flok grad ta' reviżjoni, jsir ripetizzjoni tal-ewwel grad.

17. L-ewwel żewġ aggravji tal-konvenuta – imsejsa fuq il-preżunzjoni illi l-ewwel qorti kienet tal-fehma illi dawk li qiegħda tintalab is-sejħa tagħhom fil-kawża huma impjegati tal-konvenuta – ma jidhrux wisq relevanti għall-għanijiet tat-talba, għax ir-responsabbiltà ta' min iħaddem ma teskludix ir-responsabbiltà wkoll fl-istess ħin tal-impjegati tiegħu, daqskemm ma ma teskludix ir-responsabbiltà wkoll ta' terzi.

18. Daqstant ieħor ir-raġunijiet imressqa mill-attur – li l-binja hija tal-konvenuta, illi x-xogħlijiet qegħdin isiru mill-konvenuta, li dawk li l-konvenuta trid issejjaħ fil-kawża huma impjegati tagħha, li l-konvenuta hija f'kull każ marbuta li tħares id-dispożizzjonijiet tal-Kap. 424 – huma irrelevanti, għax ir-responsabbiltà tal-konvenuta ma teskludix ir-responsabbiltà fl-istess ħin ta' ħaddieħor, impjegat tagħha jew mhux.

19. Li jista' jkun li qiegħed igħid sew l-attur huwa illi taħt il-Kap. 424 il-konvenuta hija "primarjament responsabbli", li ma huwiex l-istess bħal "weħedha responsabbli".

20. Aktar huwa relevanti t-tielet aggravju, fis-sens illi s-sejħa fil-kawża hija xierqa, mhux għall-integrità tal-ġudizzju, iżda għall-ekonomija tal-ġudizzju.

21. Meta tiġi biex tara jekk għandhiex issejjaħ terzi fil-kawża l-kompitu tal-qorti ma jkunx illi tiddeċiedi jekk it-terzi li tintalab is-sejħa tagħhom jaħtux jew le għall-inċident – dak ma tistax tagħmlu meta għadhom ma humiex parti fil-

kawża – iżda jekk, imqar *prima facie*, hemmx fatti jew allegazzjonijiet li għandu mnejn dawk it-terzi jkollhom iwieġbu għalihom. Għandu jsir dan l-istħarriġ preliminari sabiex ma jsirux sejħiet vessatorji, jew maħsuba biss biex jaħlu l-ħin.

22. Fil-każ tallum jidher illi jista' jkollu relevanza l-fatt kinux dawn it-terzi li neħħew l-ilqugħ mill-bokka tal-*lift*. Jekk kienu huma li neħħew l-ilqugħ dan ma jeskludix neċessarjament ir-responsabbiltà tal-konvenuta u għalhekk ma jeskludix il-leġittimazzjoni passiva biex din tibqa' fil-kawża; għalhekk ma jkunx hemm dik il-bidla fil-persuna mħarrka li qiegħed joġġezzjona għaliha l-attur. Madankollu jista' eventwalment jinstab illi l-ħtija kienet ta' dawn it-terzi u mhux tal-konvenuta, jew tat-terzi u tal-konvenuta flimkien. Huwa ovvju għalhekk l-interess tal-konvenuta li ssir is-sejħa fil-kawża sabiex, jekk iseħħilha li turi li l-ħtija ma kinitx tagħha weħedha, ma jkollhix tiftaħ kawża oħra hi kontra dawn it-terzi taħt l-art. 1048 tal-Kodiċi Ċivili.

23. Is-sejħa fil-kawża hija għalhekk xierqa kemm fl-interess tal-konvenuta u kemm għall-għanijiet tal-ekonomija tal-ġudizzju.

24. Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti tilqa' l-appell, tħassar id-dikriet li minnu sar l-appell u tordna li jissejħu fil-kawża l-persuni msemmija fir-rikors tal-konvenuta tad-29 ta' Mejju 2012.

25. L-ispejjeż ta' dan l-episodju jkunu regolati fis-sentenza finali, iżda l-ispejjeż tas-sejħa fil-kawża għalissa tħallashom is-soċjetà konvenuta li għandha tieħu ħsieb li jsiru minnufih n-notifiki meħtieġa.

Il-Qorti tordna li l-atti jintbagħtu lura lill-ewwel Qorti għall-kontinwazzjoni.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------